Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum is-26 ta' Settembru 2023**

**Kumpilazzjoni Numru: 281/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Versus**

**Noel Grima (571290M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Noel Grima**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 571290(M)

Akkuzat talli nhar il-26 ta' Mejju, 2022 ghal habta tas- 6.00am u fis-sieghat u/jew fil-granet, u/jew gimghat u/jew xhur ta' qabel gewwa Haz-Zebbug

1. Ikkaguna lill-genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li jghix maghhom;

2. Ikkaguna lill-genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghhom u dan waqt li qed jghix maghhom;

   U talli nhar is- 7 ta' Mejju 2022 ghal habta tal-hinijiet bejn id-9.00am u l-10.00am gewwa Haz-Zebbug

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' ommu Maria Dolores Grima f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiiza ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq persuntha, hekk kif iccertifika Dr. Anna Micallef (Med Reg 4146).

4. Hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lill-genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dawn il-kodici;

5. Ghamel ingurji jew theddid, mhux insemmijja band ohra fil-kodici kriminali lill-genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Noel Grima a beneficju tal- genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima u l-familjari taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xierqa tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' genituri tieghu Joseph Grima u Maria Dolores Grima jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Noel Grima billi tapplika l-artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u/jew torbot lil Noel Grima b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha Mill-Onorabbli Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-27 ta' Mejju 2022, l-imputat Noel Grima tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Rat illi id-difiza talbet sabiex qabel il-Qorti tghaddi ghas-sentenza jinhatar ufficjal tal-Probation sabiex ssir *pre sentencing report*.

Rat il-pre sentencing report u semghat ix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-19 ta' Jannar 2023 xehed Dorian Cornelius fejn ipprezenta *pre sentencing report* immarkat bhala Dok DC1. Skond ir-rapport, l-imputat ghandu hajja stabbli, kemm fir-rigward tax-xoghol kif ukoll fil-familja. Ir-rakommandazjoni tal-Ufficjal tal-Probation huwa illi l-imputat jinghata Ordni ta' Probation sabiex jkun jista' jkompli jinghata l-ghajnuna necessarja.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 31, 202(h), 221(3)(a), 222(1)(a) 214, 251A(1)(4), 251B, 251H(a), 251HA u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Noel Grima hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma

soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Noel Grima** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Noel Grima** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sentejn (2)** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Noel Grima. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* **Joseph Grima u l-familjari tieghu, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Noel Grima** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lill-*parte civile* **Joseph Grima u l-familjari tieghu.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat